MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' April, 2013

Numru. 1353/2012

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Mark Zahra, iben Joseph, imwieled Pieta' fit-2 ta' Ottubru, 1971, karta ta' l-identita' numru 449371(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fid-19 ta' Lulju, 2008, f'xi ħin bejn il-5.15 p.m. u is-6.15 p.m., minn ġewwa l-fond numru 49, Casa Bianca, Triq Il-Koppla, Fgura:
1. ikkometta serq ta' ġojjellerija, kif ukoll flus kontanti, u/jew xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-€2,329.37, u bil-lok li sar għad-dannu ta' Rosa Magri u ta' Giovanni Maria Magri u/jew ta' xi persuna oħra;
2. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma

tiskorriex €116.47 u li sar għad-dannu tal-konjuġi Magri u/jew persuna oħra;
3. talli kkometta dawn ir-reati, li għalihom hemm kontemplat piena ta' priġunerija, fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża skont l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, tal-1 ta' Frar, 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
4. talli sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, wara li hu ġie midjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' April, 2013 fejn il-Prosekuzzjoni rtirat l-akkużi miġjuba kontra l-imputat.

Għaldaqstant, in vista tad-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni tiddikjara l-proċediment eżawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------